MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2013

Numru 127/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca et)**
**vs**
**Jeffrey Busuttil**

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 168076m akkuzat:

1. fid-29 ta' Dicembru 2010 ghal habta tal-11.30 ta' filghaxija minn Triq Guze Pace, Santa Venera, flimkien ma' persuna/I ohra ikkommetta serq ta' vettura Toyota Liteace numru ta' registrazzjoni DAU105 liema serq u kkwalifikat bil-valur (li ma jeccedix Euro 2329.37) bil-mezz hin u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Anthony Casha u/jew persuna/i ohra;

2. Irrenda ruhhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49,50 u 289 tal-Kap 9 permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;
Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li jinsabu pruvati jikkonsistu biss filli l-vettura in kwistjoni bin-numru ta' registrazzjoni DAU 105 tal-marka Toyoya Liteace registrata fuq id-derubat Anthony Casha giet misruqa fil-hinijiet tal-bil-lejl mill-parkegg taghha.
Mill-bqija ma jirrisulta xejn kontra l-imputat jekk mhux li hu gja precedentement kien misjub hati ta' serq u fuq ammissjoni tieghu anka kkundannat terminu ta' prigunerija.
Fuq daqshekk biss il-Qorti ma tistax issibu hati f'dan il-kaz.
Ghaldaqstant, billi kontra l-imputat l-imputazjoni ta' serq mill-provi ma tirrisultax li giet kommessa mill-imputat jew wkoll li kellu x'jaqsam maghha, l-Qorti ma tistax issibu hati taghha. Konsegwentement ma tista lanqas issibu hati li hu recidiv.

Kwindi ma tahsibx li ghandha alternattiva hlief li tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------